*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,826, 8 ta' Novembru, 2011*

*Taqsima B*

**A.L. 437 ta' l-2011**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

### Regolamenti tal-2011 li Jemendaw ir-Regolamenti għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 li Jemendaw ir-Regolamenti għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2002 għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 234 ta' l-2002.

Skop.

**2.** Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-dispożizzjonijiet relatati mad-Direttiva 2008/1/EC tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 li tikkonċerna il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (verżjoni Kodifikata) kif imfisser fid-Direttiva 2009/31/EC dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju.

Jemenda Skeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**3.** Fit-test Ingliż ta' Skeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-paragrafu 6.8 tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

> "6.9 Capture of CO2 streams from installations covered by these regulations for the purposes of geological storage pursuant to the Geological Storage of Carbon Dioxide Regulations, 2011.".

L.N. 346 of 2011.

**L.N. 437 of 2011**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

### Integrated Pollution Prevention and Control (Amendment) Regulations, 2011

IN EXERCISE of the powers conferred by articles 61 and 62 of the Environment and Development Planning Act, the Prime Minister, after consultation with the Malta Environment and Planning Authority, has made the following regulations:-

Title.

L.N. 234 of 2002.

**1.** The title of these regulations is the Integrated Pollution Prevention and Control (Amendment) Regulations, 2011, and they shall be read and construed as one with the Integrated Pollution Prevention and Control Regulations, 2002, hereinafter referred to as "the principal regulations".

Scope.

**2.** These regulations transpose the provisions related to Directive 2008/1/EC of the European Parliament and of the Council of 15 January 2008 concerning Integrated Pollution Prevention and Control (Codified version) as outlined in Directive 2009/31/EC on the Geological Storage of Carbon Dioxide.

Amends Schedule 1 to the principal regulations.

**3.** In Schedule 1 of the principal regulations, immediately after paragraph 6.8 thereof there shall be added the following new paragraph:

L.N. 346 of 2011.

> "6.9 Capture of CO2 streams from installations covered by these regulations for the purposes of geological storage pursuant to the Geological Storage of Carbon Dioxide Regulations, 2011.".

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09